MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 392/2005

**Auto Sales Limited (C-491)**

**vs**

**Simon Zammit**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Frar, 2005 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u tlieta u sittin lira Maltija u tmien centezmi (Lm363.08) rapprezentanti spejjez u xoghol ta' tiswijiet u xiri ta' spare parts ghal karozza tal-konvenut liema tiswijiet saru fuq talba tal-konvenut,**
**Bl-ispejjez u bl-imghax legali mis-27 ta' Dicembru, 2004, u bl-ispejjez tal-ittra bonarja mibghuta lill-konvenut.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fit-22 ta' Marzu, 2005, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma giet prezentata risposta, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija u tlieta u sittin lira Maltija u tmien centezmi (Lm363.08) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mis-27 ta' Dicembru, 2004.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' ittra bonarja mibghuta lill-konvenut, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------